# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 15**

**Ċitazzjoni numru 590/87/2 LSO**

**Michael Fenech bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Limited**

**v.**

**Albert Mizzi u Joe Curmi bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza ta' MIB Holding Limited (suċċessuri ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited.)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fid-29 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti laqgħet it-

talba magħmula mill-kumpanija intimata waqt is-smigħ tal-11 ta’ Ġunju, 2015[1], ħassret *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-17 ta’ Marzu, 2011[2], dwar ir-rikostruzzjoni tal-atti proċesswali u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ, filwaqt li kkundannat lill-kumpanija attriċi (minn issa ’l quddiem imsejħa “l-appellanti”) biex tħallas l-ispejjeż;

2. Meta nfetħet din il-kawża f’Lulju tal-1987, l-appellanti kienet talbet li l-Qorti ssib li l-kumpanija mħarrka (minn issa ’l hemm imsejħa “l-appellata”) kienet taħti għan-nuqqas ta’ ħruġ ta’ żewġ poloz ta’ assikurazzjoni fir-rigward ta’ barkun bl-isem ta’ “*Marsaxlokk*” li għereq bit-tagħbija li kellu ta’ żejt, u biex tordnalha tagħmel tajjeb għat-telf u d-danni mġarrbin minħabba f’dan in-nuqqas, wara li tillikwida d-danni mġarrba;

3. Ġara li għal bosta snin l-atti tal-kawża ntilfu u l-ewwel Qorti kienet ordnat, f’Marzu tal-2011, biex l-atti jerġgħu jinbnew mill-ġdid. L-appellata qalet li r-rikostruzzjoni tal-atti baqgħet ma saritx sewwa u kien hemm dokumenti ta’ rilevanza għall-każ li lanqas setgħu jkunu mressqa mill-ġdid, bi ħsara għall-każ tal-appellanti li tipprova l-pretensjonijiet tagħha u tal-jedd tagħha li tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mix-xiljiet tal-appellanti;

4. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

---

[1] Paġ. 577 tal-proċess
[2] Paġ. 83 tal-proċess

"*Illi l-attur qieghed jitlob li wara l-incident fejn ghereq il-barge Marsaxlokk", u saret il-hsara anke fit-tghabija konsistenti f'gasoil, li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghall-ksur tal-ftehim, u cjoe` ghall-hrug ta' zewg poloz ta' assikurazzjoni. Gie mitlub li jigu likwidati d-danni wara li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli.*

*Illi din il-Qorti ghandha tiddetermina jekk tordnax li l-process jigi rikostruwit.*

*Jirrizulta li l-process originali tal-kawza odjerna mibdija fl-1987, qatt ma kien a dispozizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta u lanqas a dispozizzjoni tal-Qorti kif presjeduta precedentement qabel illum. Jigi nnutat li wara snin ta' attentati ta' rikostruzzjoni tal-process l-atti kollha ezistenti fil-process illum huma kollha kopji.*

*Gie osservat li matul is-snin, 1987 sa l-2009, il-kaz de quo kien presjedut minn diversi Mhallfin, u kien hemm tlett nomini ta' Periti Legali, Dr. Christian Farrugia, (mill-27 ta' Novembru 1992) Dr. Sandra Sladden (mit-18 ta' Ottubru1996) u Dr. Pierre Lofaro (mis-26 ta' Gunju 2001)*[3] *li talbu li l-inkarigu taghhom jigi tterminat. Izda, ma jirrizultax li dawn il-periti legali rritornaw l-inkartament tas-seduti taghhom, hekk kif ribadit fin-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali (a fol 143). Fl-istess nota r-Registratur informa lill-Qorti li "minkejja tfittxija intensiva li saret fir-Registru l-process shih baqa' ma nstabx." Din in-nota giet pprezentata fl-1 ta' Novembru 2013.*

*In segwitu, fil-25 ta' Frar 2009, gie nominat il-Perit Legali Dr. Vincent Galea (a fol 70), li wara n-nomina tieghu pprezenta nota datata 17 ta' Gunju 2009 (fol 71), u rrileva li mill-ispoll, kopja tal-process fir-Registru tal-Qorti, m'hemmx la c-citazzjoni, lanqas l-eccezzjonijiet, u la hemm dokumenti u lanqas xhieda u ghalhekk jehtieg li l-process jigi rikostruwit qabel jitkomplew is-seduti.*

*Irrizulta wkoll li fis-26 ta' Jannar 2011, gie pprezentat rikors ta' l-attur (a fol 77) fejn talab ir-rikostruzzjoni tal-process stante li l-process huwa mitluf u ilu mitluf ghal hafna zmien. Permezz ta' digriet tas-17 ta' Marzu 2011, din il-Qorti diversament presjeduta ordnat ir-rikostruzzjoni tal-process. (a fol 83).*

*Madankollu fis-16 ta' Jannar 2012 gie pprezentat rikors mis-socjeta` konvenuta fejn intalab li l-kaz jigi differit sine die sakemm jinstab il-process shih u originali.(a fol 115). Sussegwentement, il-Qorti regghet issollecitat lir-Registratur jaghmel ricerka ohra u n-Nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali giet ipprezentata fit-13 ta' Jannar 2014 (a fol 143).*

*Illi huwa minnu li f'hafna kazijiet simili, meta l-process ikun mitluf il-Qorti tordna r-rikostruzzjoni tal-process anke jekk dan ikun iffurmat*

[3] Taghrif mehud min-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali a fol 143.

*minn dokumenti li huma kopji u mhumiex l-originali. Izda, dan isir kemm-il darba l-partijiet fil-kaz jaqblu u ma jkunx hemm oppozizzjoni minn xi hadd mill-partijiet. Kien hemm diversi okkazjonijiet meta l-Qorti ordnat ir-rikostruzzjoni tal-process u l-kaz kompla jinstema' sa ma nghatat decizjoni finali. (Ara* ***Maltrade Ltd. vs Norbert Coll,*** *P.A. deciza fl-10 ta' Gunju 2014,* ***Carmen Mugliette vs Victor Gauci et,*** *P.A. deciza fil-25 ta' Frar 2010****, u A vs B (Mamo vs Mamo)*** *P.A. deciza fit-28 ta' Frar 2006 u deciza mill-Qorti ta'l-Appell fit-28 ta' Settembru 2007****).***

*Fil-kaz odjern, kien hemm oppozizzjoni konsistenti u persistentI mill-konveut matul is-snin. Din l-oppozizzjoni kienet manifestata f'diversi atti; l-ittra mibghuta mill-avukat Lia lir-Registratur tal-Qorti (a fol 122), ir-rikors sabiex il-kaz jigi differit sine die, u l-oppozizzjoni ghar-rikostruzzjoni matul il-verbali tas-seduti, fejn dejjem gie enfasizzat li minhabba t-trappass ta' zmien li l-process ilu mitluf, kemm-il darba dan il-kaz jipprocedi jkun ta' pregudizzju ghas-socjeta` konvenuta.*

*Di piu`, din il-Qorti tinnota li r-rikors ipprezentat mill-attur f'Jannar 2011 gie pprezentat in segwitu ghan-nota tal-perit legali Dr. Vincent Galea. F'dan l-istess rikors, l-attur issottolinea li l-process ilu mitluf ghal hafna zmien. Hekk kif gie sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-process kien ilu mitluf sa mill-2003. Madankollu, kien biss fl-2011 li l-attur talab ghal din ir-rikostruzzjoni, u ma gabx dan a konjizzjoni tal-Qorti precedentement. Dan sar, minkejja li kien a konoxxenza tal-fatt li ma kienx qieghed isir progress f'din il-kawza, in vista tal-fatt li l-process kien mitluf. Minhabba li d-dokumenti originali tal-process ma setghux jinstabu huwa evidenti ghalfejn ma kienux qed jipprocedu s-seduti u ma kienx qed isir progress. Ghaldaqstant, hu kagun ta' thassib ghal din il-Qorti ghaliex ir-rikors ghar-rikostruzzjoni tal-process da parti ta' l-attur ma sarx qabel. Fil-fatt, din il-materja giet sollevata biss in segwitu ghall-hatra tal-perit legali Dr. Vincent Galea u ghan-nota minnu pprezentata.*

*Hawnhekk, il-Qorti tirreferi ghal dak enuncjat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u l-enfasi li sar ghan-nuqqas ta' agir da parti ta' l-attur ghal snin twal. Fil-verbal disponibbli fil-process tas-seduta tal-18 ta' Ottubru 1996 l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta iddikjara li minn mindu bdiet il-kawza saret seduta wahda (fol 17) (cioe` ben 9 snin wara li giet ipprezentata). Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1998 il-Qorti ssollecitat lill-attur biex jiddikjara ghandux interess (fol 21) u fl-1 ta' Lulju 1998 giet differita sine die. Wara li giet riappuntata, b'verbal tat-18 ta' Jannar 2001 (fol 35) il-Qorti regghet talbet lill-attur jinformaha jekk ghadx ghandu interess.*

*Il-fatt li l-process kien intilef ma giex referut lill-Qorti b'effett immedjat, imma wara numru ta' snin, wara l-hatra ta' Dr. Vincent Galea. Din il-qorti ma tistax tinjora li t-trapass esagerat taz-zmien pogga lis-socjeta` konvenuta fi zvantagg ta' zmien sabiex jigu prodotti provi llum, wara*

*dawn is-snin kollha, b'riskju wkoll ta' ksur ghad-drittijiet fondamentali taghha.*

*Gie sostnut li l-oppozizzjoni tas-socjeta` konvenuta ghar-rikostruzzjoni hija bbazata wkoll fuq il-fatt li huwa ferm aktar difficli li jitressqu xhieda u provi llum milli kieku dan sar qabel. Fil-principju dan japplika ghaz-zewg partijiet fil-kawza. Irrizulta wkoll li d-dokumenti kollha, li huma kopji, u li jiffurmaw parti mill-process illum, gew prodotti mill-attur. In-nota ta' l-eccezzjonijiet biss giet riprodotta mis-socjeta` konvenuta li giet esebita ghal kull buon fini. L-inkartament esebit mill-Perit Legali Dr. Vincent Galea ukoll huwa ffurmat minn kopji li l-attur ghaddielu.*

*Hawnhekk issir riferenza ghan-nota tal-istess attur ipprezentata fit-18 ta' Frar 2013 (fol 136) ipprezentata wara li l-Qorti kif diversament presjeduta, fil-verbal tal-5 ta' Frar 2013 ordnat li fin-nuqqas ta' xi oggezzjoni fi zmien hmistax-il gurnata, il-Qorti sejra tqis li kollox jinstab fil-process." Hawnhekk l-istess attur, flimkien mal-konvenuta, irregistraw l-opposizzjoni taghhom. L-attur iddikjara li "Ma jidhirx li huwa possibbli li wiehed jindika bi precizjoni x'fadal li jingabar."*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta gie citat kaz deciz mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 1985, fl-ismijiet* ***Joseph Spiteri vs Av. Dr. Joseph Cassar Galea,*** *fejn kien inghad li huwa veru li skont il-Kodici tal-Procedura Civili r-Registratur tal-Qrati huwa responsabbli ghat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ipprezentat fir-Registru izda li r-Registratur m'ghandux jigi nvolut fir-rikostruzzjoni ta' process li jidher li ilu miltuf sa mill-1983. U ghalhekk, f'dan il-kaz giet michuda t-talba ghar-rikostruzzjoni. Meta jigi meqjus li fil-kaz in ezami, l-process ilu mitluf sa mill-2003, ghaddew numru hafna itwal ta' snin, u ghalhekk is-sitwazzjoni f'dan il-kaz hija hafna aktar kumplikata u difficli ghar-Registratur.*

*Illi qieghed jigi osservat ukoll li meta l-Qorti diversament presjeduta ordnat ir-rikostruzzjoni tal-process fis-26 ta' Jannar 2011, ma kien sar l-ebda tentattiv da parti tar-Registratur tal-Qorti biex il-process jigi rikostruwit. Illi kienet giet ipprezentata nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali a fol 143 b'konsegwenza ghas-sollecitazzjoni tal-Qorti tal-21 ta' Ottubru 2013, wara talba tas-socjeta' konvenuta biex il-kaz jibqa' sine die. Madankollu, f'din in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali saret referenza ghad-digriet tal-Qorti diversament presjeduta, tas-17 ta' Marzu 2011 sabiex issir rikostruzzjoni tal-process u ghalhekk, ma saret l-ebda referenza ghall-Artikolu 63 tal-Kap 12 li jiddisponi:*

> *"Ir-Registratur huwa responsabbli ghat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ipprezentat fir-Registru, kif ukoll ghad-dewmien fit-tmexxija ta' dak l-att jew dokument."*

*Ghalkemm, taqa` fir-responsabbilta` tar-Registratur f'kaz li process huwa mitluf, meta t-tfittxija ordnata mir-Registratur tibqa' tirrizulta fin-negattiv, bhal kaz in ezami, huwa hafna aktar difficli ghar-Registratur*

*biex ikun involut fir-rikostruzzjoni tal-process, wara t-trapass twil ta' snin. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta, fejn inghad li ai termini ta' l-* ***Artikolu 63 tal-Kap 12****, ir-Registratur huwa responsabbli ghat-telf ta' process/jew dokumenti. Izda, fejn dan jibqa' ma jinstabx jew kull tfittxija, tirrizulta fin-negattiv, kwalunkwe pregudizzju li jista' jinholoq konsegwenza ta' dan it-telfien m'ghandux ikun a karigu ta' wiehed mill-partijiet fil-kaz.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, hemm referenza* ***ghall-Artikolu 560 tal-Kap 12*** *li jipprovdi dwar il-poter tal-Qorti biex jikkostruwixxi l-process. L-Artikolu 560(3) ssemma wkoll fin-nota tar-Registratur tal-Qorti a fol 143. L-Artikolu 560(3) ighid hekk:*

> *"Meta f'xi kawza jew procedura ohra ma tkunx tista', minhabba hsara lil jew telf ta' dokumenti tal-Qorti jew dokumenti ohra, toqghod ghal dak li jitlob dan il-Kodici, sew jekk dwar il-htiega li jingiebu formalment xi dokumenti jew xort' ohra, il-Qorti tista' jew tehles minn dik il-htiega jew taghti dawk l-ordnijiet l-ohra li jinhtiegu fic-cirkostanzi".*
>
> *Issa, dak li sar referenza ghalih fin-nota tar-Registratur huwa s-subinciz li jkompli ma' l-Artikolu 560(3) li jipprovdi li:*
>
> *"…..il-partijiet fil-kawza ghandhom jghinu lir-Registratur biex jikkompila kopja ta' dokumenti tal-Qorti jew ta' kull dokument iehor li jkunu tgharrqu jew intilfu……".*

*Ghalhekk, f'kazijiet bhal dawn, sta solament ghall-Qorti, li tiehu d-decizjoni dwar l-ordni tar-rikostruzzjoni o meno.*

*U hawnhekk qabel ma l-Qorti tippronunzja ruhha dwar dan, trid issemmi li l-Artikolu 560(3) tal-Kap 12 jallacja ma' l-Artikolu 560(1) tal-Kap 12 li ighid:*

> *"Il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

*Dan l-Artikolu tal-ligi jorbot ukoll ma' l-Artikolu 559 li ighid:*

> *"Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

*(Ara* ***Tabib Principali tal-Gvern vs Antonia McBride et*** *Appell deciz fl-1 ta' Dicembru 1994, u* ***Martin Mifsud et vs Marika Almerigo*** *P.A. deciza fis-16 ta' April 2013).*

*In vista tas-suespost, din il-Qorti mhix tal-fehma li wara dan it-trapass kollu taz-zmien tista' tingieb l-ahjar prova mill-partijiet.*

*Illi l-istess attur talab li jithalla jipprezenta l-provi tieghu u dan mhuwiex ser jxekkel lill-konvenut biex jirribatti l-provi prodotti b'xhieda u provi ohra li jista' jgib il-quddiem.*

*Illi mill-process li ghandha quddiemha din il-Qorti jirrizulta verbal wiehed ta' xhieda tal-attur moghtija quddiem l-ewwel Perit Legali mahtur, Dr Christian Farrugia*[4] *fejn jaghmel riferenza ghal xi dokumenti.Izda dawn id-dokumenti lanqas huma esebiti mal-inkartament fil-process u lanqas fost l-inkartament mghoddu lill-Avukat Galea. Difatti l-attur jghid li "kopja taghhom tista' titpogga ghad-dispozizzjoni ta' dina l-Qorti" izda dan iddikjarah minkejja li kellu jghaddi d-dokumentazzjoni li kellu lill-Perit Legali.*

*Difatti fil-bundle ta' dokumenti li gew scanned mill-Avukat Galea insibu kopja tal-verbal tal-unika seduta li tirrizulta gja imsemmija, izda minghajr id-dokumenti li ghalihom l-attur ghamel riferenza fix-xhieda tieghu. Dan ifisser li l-attur lanqas biss ghaddihomlu.*

*Illi inoltre l-kopji pprezentati mill-Perit Legali mhumiex kopji legali u ma jistghux jigu awtentikati hlief bi qbil bejn il-partijiet. F'dan l-aspett il-Qorti ma taqbilx sal-ahhar mat-tezi tas-socjeta' konvenuta f'dak li jirrigwarda l-kontenut tac-citazzjoni u n-nota tal-eccezzjonijiet ghaliex l-kopji tac-citazzjoni u tan-nota tal-eccezzjonijiet esebiti jirrizultaw konformi ma' dak iddikjarat fil-premessi tas-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Kummerc (fit-22 ta' April 1988 a fol 96) u tal-Qorti tal-Appell (l-1 ta' Marzu 1989 a fol 110) f'din l-istess kawza u l-awtenticita' taghhom tista' tigi stabbilita. Izda jibqa' l-fatt li minghajr l-atti gudizzjarji awtentici, inkluzi r-riferti tan-notifika, u provi li gja saru, ma jistax isir dak l-ezami meqjus taghhom u kontro-ezami sabiex issir gustizzja fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi fil-kaz odjern il-process kollu huwa nieqes u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni u dawk li ghalihom rrefera l-attur fix-xhieda tieghu ma jistghux ikunu originali u ma jistghux, ghalhekk, ikunu ammissibbli. Li kieku l-attur kellu dokumenti originali x'jipprezenta kien jesebihom qabel mal-kaz wasal s'hawn. Certament kellu kull opportunita' quddiem il-Periti Legali sa mis-sena 2001 biex jesebixxi l-provi tieghu skont il-Ligi, izda baqa' ma ghamel xejn, anke wara l-Qorti ordnat ir-rikostruzzjoni tal-process, ghaliex baqa' ma pprezentax dawn il-provi li jghid li ghandu.*

*Illi fil-fehma taghha, l-ghejbien tal-process fl-interezza tieghu flimkien mat-trapass esagerat taz-zmien (28 sena) dovut ghan-nuqqas ta' interess muri mis-socjeta' attrici li ggib il-kawza taghha 'l quddiem, jimmilitaw kontra r-rikostruzzjoni tal-process minhabba r-ragunijiet ta' veracita' u awtenticita' tal-provi attrici, u ragunijiet ta' smigh xieraq li ghandhom jigu garantiti lis-socjeta' konvenuta, li ma setghet qatt tressaq il-provi qabel mas-socjeta' attrici ghalqet taghha.*";

[4] esebita b'nota tas-socjeta' konvenuta fis-16 ta' Jannar 2012 (fol 115-122 tal-process)

5. B'rikors tal-appell imressaq fl-4 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellanti talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u "b'hekk tordna li l-kawża timxi skond il-liġi u takkolji t-talbiet tal-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti";

6. B'risposta mressqa fil-25 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellata qalet li s-sentenza appellata hija ġusta fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti;

7. Ħadet qies tad-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-appellanti waqt is-smigħ virtwali tad-9 ta' Frar, 2021;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

9. Rat l-atti kollha li tressqu quddiemha, magħduda dawk tar-Rikors Maħluf Numru 1113/15JPG;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi dan l-appell jirrigwarda l-effetti tat-telfien ta' atti ta' kawża u r-rikostruzzjoni tagħhom. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li, wara bosta snin matul is-smigħ, ir-rikostruzzjoni tal-atti tal-kawża ma

saritx kif messha ssir u għalhekk, billi l-każ kien nieqes mill-provi meħtieġa, ħassret id-digriet li kien ordna li l-proċess jinbena mill-ġdid u waqfet milli tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet dwarhom u ordnat lill-appellanti tħallas l-ispejjeż;

11. Illi l-appellanti ressqet **żewġ aggravji** minn dik is-sentenza u irriżervat kull jedd spettanti lilha li tressaq kawża quddiem il-qorti xierqa dwar ksur ta' jedd tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ħaddmet il-liġi b'mod ħażin għaliex ma teżistix setgħa f'qorti li tagħmel dak li għamlet l-ewwel Qorti u tieħu l-miżuri li ħadet. Fit-tieni aggravju, l-appellanti tgħid li s-sentenza appellata ma tagħmilx sewwa jekk titfa' fuqha l-ħtija tat-telfien tal-proċess jew taż-żmien li ttieħed biex il-kawża timxi 'l quddiem;

12. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** l-appellanti tgħid li l-liġi ma tagħti lil ebda qorti s-setgħa li taqta' kawża bil-mod li bih l-ewwel Qorti tat is-sentenza appellata. B'mod partikolari, tgħid li dik il-Qorti ma kien tressqilha quddiemha l-ebda rikors biex tħassar "*contrario imperio*" d-digriet li bih żmien qabel kienet ordnat ir-rikostruzzjoni tal-proċess, u f'kull każ l-ebda Qorti ma għandha tfarfar mid-dmir tagħha li tara li kawża titwassal għat-tmiem tagħha, jekk hemm bżonn billi l-att tal-kawża jerġgħu jinbnew mill-ġdid. L-appellanti żżid tgħid li l-mod kif l-ewwel Qorti tat is-sentenza appellata joħloq dubji dwar jekk dak il-provvediment kienx

digriet limitat għat-tħassir "*contrario imperio*" ta' digriet li kien ingħata qabel jew jekk kinitx sentenza vera u proprja li ordnat il-ħelsien tal-appellata mill-ħarsien tal-ġudizzju, billi s-sentenza appellata qatlet il-proċess bla ma tat deċiżjoni dwar it-talbiet attriċi. Bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti, sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata, kien hemm Att ta' Ċitazzjoni b'talbiet li dik il-Qorti naqset milli tiddeċiedi dwarhom. L-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti kellha tliet għażliet proċedurali quddiemha – jew li tagħti sentenza li tinvesti l-mertu, jew tagħti sentenza li teħles lill-appellata mill-ħarsien tal-ġudizzju, jew li tħassar il-kawża mil-lista jew tħalliha *sine die* biex tmur deżerta – u ma mxiet mal-ebda waħda minnhom;

13. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju billi ssemmi li l-proċess tal-kawża kien ilu mitluf sa minn ftit snin wara li tressqet il-kawża u, minkejja l-bosta tentattivi li saru, baqa' sallum qatt ma kien rikostruwit kif trid il-liġi. Tgħid ukoll li, tul is-snin kollha li damet miexja l-kawża quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti lanqas kienet għalqet il-provi tagħha. Iżżid li hija kienet kontra r-rikostruzzjoni tal-proċess meta ħareġ ċar li d-dokumenti oriġinali meħtieġa biex jissostanzjaw it-talbiet attriċi kienu ntilfu u la kien hemm kopji tagħhom u wisq anqas kopji awtentikati. Għalhekk tgħid li l-ewwel Qorti għamlet sewwa meta ħaddmet id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 560 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qatgħetha li ma setgħetx toqgħod fuq

atti li ma kinux jikkostitwixxu mqar provi ammissibbli u, wisq anqas, l-aħjar prova;

14. Illi l-mertu ta' dan l-ewwel aggravju huwa wieħed ta' xejra proċedurali. L-appellanti tilminta mill-fatt li l-ewwel Qorti tat deċiżjoni li wasslet biex waqqfet is-smigħ ta' kawża mingħajr ma daħlet fil-mertu ta' dak li kien mitlub mill-parti attriċi. Fuq kollox, tgħid li bl-imsemmija deċiżjoni, ħassret provvediment interlokutorju li kien ingħata qabel u b'hekk ċaħħditha milli tingħata smigħ xieraq. Il-Qorti tirrileva li fil-verbal tal-11 ta' Ġunju, 2015[5], l-ewwel Qorti kienet għamlitha ċara li kienet qiegħda tħalli l-kawża "għal digriet rigward ir-rikostruzzjoni tal-proċess kif trattat f'din is-seduta stess". Fis-smigħ ta' wara tat is-sentenza appellata;

15. Illi l-ordni biex il-proċess ikun rikostruwit kien ingħata mill-ewwel Qorti f'digriet tas-17 ta' Marzu, 2011[6], meta kienet presjeduta minn imħallef differenti minn dik li tat is-sentenza appellata. Ma hemm l-ebda dubju li dak l-ordni kien provvediment interlokutorju maħsub biex jirregola l-mixi 'l quddiem ta' kawża li kien ilha diġà erbgħa u għoxrin (24) sena li tressqet u meta, mill-istess atti, jidher ċar li l-proċess kien ilu mitluf minn bosta snin qabel ma saret it-talba għall-bini mill-ġdid tiegħu. Jidher ċar ukoll li, minkejja dak li l-ewwel Qorti kienet ordnat li jsir fl-2011, sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata kien għadu ma sarx u l-ewwel

[5] Paġ. 781 tal-proċess
[6] Paġ. 83 tal-proċess

Qorti kkostatat li l-atti ma kinux ġew rikostruwiti kif trid il-liġi. Lanqas kienu ġew rikostruwiti għal kollox u debitament awtentikati. Ladarba l-ordni li bih kienet ordnata r-rikostruzzjoni kien digriet interlokutorju, l-ewwel Qorti ma kinitx idejha marbuta li żżommu fis-seħħ, jekk kemm-il darba tinġibilha raġuni sewwa biex tibdel dak li kienet ordnat qabel[7];

16. Illi l-motivazzjonijiet li jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira mis-sentenza appellata huma sensiela ta' ċirkostanzi u raġunijiet li juru li l-ewwel Qorti dehrilha li kienu fil-fatt inġibhulha raġunijiet sewwa biex tħassar "*contrario imperio*" l-ordni tar-rikostruzzjoni. Ewlenija fosthom kienet dik li, ladarba kien għadda daqstant żmien bla ma l-atti kienu rikostruwiti kif imiss, ma kinitx sejra tinġieb l-aħjar prova mill-partijiet, kif jitlob l-Artikolu 559 tal-Kap 12. Fl-aggravju tagħha, l-appellanti ma tgħid imkien li l-ewwel Qorti ma kellhiex raġunijiet biżżejjed biex tagħżel din it-triq. L-aggravju jisħaq fuq il-fatt li, wara li l-ewwel Qorti sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex tħassar "*contrario imperio*" l-ordni tar-rikostruzzjoni tal-proċess, għaddiet biex astjeniet milli tqis aktar it-talbiet attriċi li dwarhom sa dak il-waqt ma kienet ingħatat l-ebda deċiżjoni u, milli jidher, lanqas saret it-trattazzjoni tal-każ min-naħa tal-partijiet;

17. Illi huwa minnu li l-ewwel Qorti sabet li b'dak li kien tressaq fl-atti sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata ma kinitx f'qagħda li tissokta

---

[7] Art. 230 tal-Kap 12

bil-mixi tal-kawża b'garanzija ta' smigħ xieraq indaqs lill-partijiet. Madankollu, din il-Qorti tqis li fl-ebda parti tas-sentenza appellata ma hemm provvediment li dak li tressaq kellu jitneħħa mill-atti ("sfilz') jew li tgħid li kulma sar minn dakinhar li ngħata l-ordni tar-rikostruzzjoni fl-2011 ma kienx jiswa. Ittenni wkoll li l-kawża kienet tħalliet speċifikatament biex jingħata provvediment dwar id-digriet tar-rikostruzzjoni u mhux għal xi raġuni oħra. Li kieku l-ewwel Qorti llimitat ruħha għal dak li kienet iddikjarat minn qabel, ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għall-aggravju tal-appellanti. Iżda ma ġarax hekk għaliex hekk kif l-ewwel Qorti ħassret "*contrario imperio*" d-digriet li ordna r-rikostruzzjoni, għaddiet minnufih biex astjeniet milli tqis aktar il-każ;

18. Illi fil-fehma tal-Qorti, f'dan ir-rigward l-aggravju tal-appellanti huwa teknikament mistħoqq. Fl-ewwel lok, kien indikat li jekk l-ewwel Qorti kienet se tagħti provvediment, kellha tagħmel dan fil-limiti ta' dak li kienet stabbiliet minn qabel meta l-kawża tħalliet għall-għoti tal-provvediment. F'dak l-ordni, l-ewwel Qorti kienet għamlitha ċara li l-kawża kienet tħalliet għal deċiżjoni dwar "ir-rikostruzzjoni tal-proċess kif trattat f'din is-seduta stess". Ma ntweriex li fis-smigħ ta' qabel ma l-kawża tħalliet għall-provvediment, il-partijiet kienu ttrattaw dwar ħwejjeġ oħra. Fit-tieni lok, l-għoti ta' deċiżjoni dwar ħwejjeġ oħrajn minn dawk li għalihom il-kawża tkun tħalliet, jista' jwassal għan-nullità tal-provvediment jew tas-sentenza li tkun, l-aktar fejn il-partijiet ma jkunux ingħataw il-possibilità li jressqu s-

sottomissjonijiet tagħhom dwarhom[8]. Jista' jkun ukoll li dan iwassal għal ilment mistħoqq ta' ksur tal-jedd ta' xi parti għal smigħ xieraq[9]. Fit-tielet lok, kien meħtieġ ukoll li, jekk kemm-il darba l-ewwel Qorti dehrilha li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar "*contrario imperio*" d-digriet li ordna l-bini mill-ġdid tal-proċess, tipprovdi dwar x'kellu jsir minn dawk l-atti li ddaħħlu fl-inkartament wara li kien ingħata dak id-digriet;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju huwa mistħoqq u sejra tilqgħu, limitatament billi tħassar is-sentenza appellata safejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis aktar il-kawża;

20. Illi ladarba se jintlaqa' l-ewwel aggravju, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa biex tistħarreġ ukoll it-tieni aggravju u jidhrilha li jkun aħjar li ma tagħmel l-ebda kumment jew tgħaddi l-ebda ġudizzju dwar l-ilment tal-appellanti fuq ir-raġunijiet għaliex il-kawża ħadet iż-żmien li ħadet u jekk kellhiex xi biċċa mill-ħtija għal dan;

***Deċide:***

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell billi:

---

[8] App. Ċiv. **1.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Desain et vs Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.509**) u App. Inf. PS **12.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Carlos Aġius et vs John Cardona et*** u s-sentenzi hemm imsemmija

[9] Kost. **12.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri vs L-Avukat Ġenerali***

**Tilqa' f'parti minnu l-appell** tal-kumpanija attriċi appellanti billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi safejn ħassret "*contrario imperio*" d-digriet tas-17 ta' Marzu, 2011, dwar ir-rikostruzzjoni tal-proċess, tħassarha fil-bqija safejn dik il-Qorti astjeniet milli tqis aktar il-kawża u kkundannat lill-appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż;

**Tibgħat lura l-atti tal-kawża** lill-ewwel Qorti biex, fid-dawl tal-provvediment mogħti fis-sentenza appellata, tirregola t-trattazzjoni tat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija appellata li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda sentenza; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż tal-appell** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da